**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 85/08VG**

**Dr. Alfred Sant**

**Vs**

**Perit Anthony sive Ninu Zammit**

**Illum 15 ta' Ottubru 2018**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat minn Dr. Alfred Sant fit-22 ta' Frar 2008 permezz ta' liema jitlob li l-Perit Anthony sive Niny Zammit jigi kkundannat ihallsu dik is-somma likwidata mill-Qorti ai termini ta' l-Att dwar l-Istampa, bhala danni u riparazzjoni tal-malafama li huwa sofra meta nhar il-Hadd 17 ta' Frar 2008, quddiem il-Kazin tal-Partit Nazzjonalista f'Marsaxlokk, il-Perit Zammit ghamel diskors pubbliku li fih ghamel allegazzjonijiet foloz u malafamanti fil-konfront tieghu billi attribwielu fatti determinati bi skop li joffendu l-unur u l-fama tieghu u li jesponuh ghad-disprezz tal-pubbliku meta allega, fost ohrajn, li huwa kien korrott u dan f'cirkostanzi fejn kien jaf li kien hemm prezenti l-mezzi ta' l-istampa u tax-xandir u li d-diskors tieghu kien se jigi rrappurtat, kif fil-fatt gie rrappurtat u ippubblikat; bl-imghaxijiet dekorribli skond il-Ligi u bl-ispejjez kontra l-Perit Anthony sive Ninu Zammit;

Rat ir-Risposta tal-konvenut permezz ta' liema jeccepixxi li: (i) id-diskors indikat mill-attur mhuwiex libelluz ai termini tal-Ligi, fil-konfront ta' l-istess attur; (ii) id-diskors in kwistjoni jikkonsisti f'espressjoni ta' l-opinjoni w apprezzament, jew *value judgement*, tieghu u huwa *fair comment* fuq materja ta' interess pubbliku, fuq fatti sostanzjalment veri, ammissibbli kemm taht il-Ligi ta' l-Istampa, kemm taht il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem; (iii) bid-diskors tieghu huwa kien qed jezercita d-dritt u d-dover tieghu f'demokrazija, li jaghmel kritika politika fil-vesti tieghu pubblika bhala deputat tal-poplu u jesprimi l-fehmiet u l-apprezzament tieghu fuq materja ta' interess pubbliku;

Rat u kkunsidrat ir-recording tad-diskors mertu ta' dawn il-proceduri u t-traskrizzjoni ta' l-istess esebiti mill-attur permezz ta' Nota pprezentata fid-19 ta' Jannar 2009 a fol. 14 sa' 17 tal-process, rat u kkunsidrat ix-xhieda moghtija mill-attur waqt is-seduta tad-19 ta' Jannar 2009[1] u x-xhieda ta' Charlon Gouder moghtija waqt is-seduta tas-16 ta' Settembru 2009[2], semghet ix-xhieda tal-konvenut moghtija waqt is-seduti tat-12 ta' Mejju 2011[3] u ta' l-20 ta' Ottubru 2011[4] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "GV1" sa' Dok. "GV5" a fol. 51 sa' 88 tal-process u semghet ix-xhieda ta' l-attur moghtija waqt is-seduta tal-21 ta' Ottubru 2013[5];

Rat li l-partijiet kontendenti nghataw zmien biex iressqu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub[6] izda dan baqa' ma sarx;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni l-attur jitlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallsu dik is-somma likwidata mill-Qorti ai termini ta' l-Att dwar l-Istampa, Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta, bhala danni u riparazzjoni tal-malafama li huwa sofra meta nhar il-Hadd 17 ta' Frar 2008, quddiem il-Kazin tal-Partit Nazzjonalista f'Marsaxlokk, il-konvenut ghamel diskors pubbliku li fih ghamel allegazzjonijiet foloz u malafamanti fil-konfront tieghu billi attribwielu fatti determinati bi skop li joffendu l-unur u l-fama tieghu u li jesponuh ghad-disprezz tal-pubbliku meta allega, fost ohrajn, li huwa kien korrott u dan f'cirkostanzi fejn kien jaf li kien hemm prezenti l-mezzi ta' l-istampa u tax-xandir u li d-diskors tieghu kien se jigi rrappurtat, kif fil-fatt gie irrappurtat u ppubblikat.

Il-konvenut jilqa' ghat-talba attrici bis-segwenti eccezzjonijiet: (i) id-diskors indikat mill-attur mhuwiex libelluz ai termini tal-Ligi, fil-konfront ta' l-istess attur; (ii) id-diskors in kwistjoni jikkonsisti f'espressjoni ta' l-opinjoni w apprezzament, jew *value judgement*, tieghu u huwa *fair comment* fuq materja ta' interess pubbliku, fuq fatti sostanzjalment veri, ammissibbli kemm taht il-Ligi ta' l-Istampa, kemm taht il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem; (iii) bid-diskors tieghu huwa kien qed jezercita d-dritt u d-dover tieghu f'demokrazija, li jaghmel kritika politika fil-vesti tieghu pubblika bhala deputat tal-poplu u jesprimi l-fehmiet u l-apprezzament tieghu fuq materja ta' interess pubbliku.

Id-diskors kontestat mill-attur intqal mill-konvenut quddiem il-Kazin tal-Partit Nazzjonalista gewwa Marsaxlokk fis-17 ta' Frar 2008, fejn essenzjalment b'risposta ghall-mistoqsija li sariltu: *Tahseb li ghamilt bicca negozju tajba mal-Gvern dwar*

[1] Fol. 18 u 19 tal-process.
[2] Fol. 29 u 30 tal-process.
[3] Fol. 48 u 49 tal-process.
[4] Fol. 89 u 90 tal-process.
[5] Fol. 100 sa' 103 tal-process.
[6] Verbal tas-seduta tas-27 ta' Frar 2014, fol. 105 tal-process.

*is-sebghin elf Lira Maltin li hadt? Tahseb li kienet tajba?* il-konvenut, fost affarijiet ohra, wiegeb: *jiena Perit, ninvesti u ghandi dritt ninvesti bhal haddiehor. Ninvesti bhal haddiehor. L-art u jekk ma tafx inti ghoxrin, tletin sena ilu. Jien mhux biss dik nghidlu. Jiena nghidlu u naghtik bil-fatti. Li per ezempju. Illum l-art li kelli jiena hija fabbrikabbli. Jiena nfakkrek li fi zmien 1981, fi zmien il-Lorry Sant biex iggib permess, ha nghidlu z-zero tolerance, meta Dr. Alfred Sant kien il-President tal-Labour. Bil-fatti dan ktibtu ilu 20 sena. Biex il-Lorry Sant jaghtik permess tal-bini trid taghtih kwart ta' l-art. Jiena ppubblikajt u hadd m'ghamilli libel 21 sena ilu art il-Birguma, il-Lorry Sant, sieheb il-Lorry Sant xtara taparsi bicca art, tajjeb, minghand xi hadd, xtara area ta' hmistax-il plot. L-ghada li xtara, johorgu il-permessi u Lorry Sant u siehbu hadu kwart tal-valur. ... Ha nghidlkom xi ktibt 21 sena ilu, hadd m'ghamilli libell. La Lorry Sant, la l-President tal-Partit Laburista Alfred Sant. Irridu nghidu din, dan sar kollu bil-barka ta' Alfred Sant. Jigifieri bil-barka tieghu. Jigifieri ladarba Lorry Sant ghamel il-korruzzjoni, Alfred Sant huwa ... Ha nurikom kif kienu jimxu l-affarijiet. Sieheb il-Lorry Sant, u din hija miktuba bid-data f'Novembru tan-1981. Sieheb il-Lorry Sant jmur jixtri din il-bicca art imxattra. Ghax Alla jbierek dan jixtri bicca art mhux kwadra imma mxattra. U l-angle kien ta' 82 degrees tax-xtur biex taparsi go din l-ghalqa jaghmel gnien. Biex taparsi joqghodu jigru z-zwiemel. U ghal grazzja tal-Hanin Alla, ghageb ta' l-eghgubijiet, zero tollerance din tal-korruzzjoni ftit jiem wara johorgu t-toroq imfasslin u b'kumbinazzjoni t-toroq johorgu skond l-anglu tax-xtur. Jigifieri din il-bicca li kien xtara sieheb il-Lorry Sant, tinhariglu l-area tal-madwar u dan jiehu hmistax-il plot minn sittin. Jigifieri, fi zmien li l-Lorry Sant ... u taf meta? Meta Alfred Sant kien President MLP, bil-barka tieghu dan. Zero tolerance dan Alfred Sant. Kien ihalli, kien permess li l-Ministru johrog artijiet wara li siehbu jkun xtara bicca. U allura x'kienu jaghmlu. Siehbu jixtri bicca fil-qalba ta' l-area kollha biex imbaghad dak li jkun ladarba bieghielu b'xejn, din sabiha. Mitejn lira fis-sena. Xtarax hmistax-il plot. Imbaghad ghal grazzja ta'Alla, wara jumejn, wara tlieta, johorgu l-permessi ezatt u araw l-anglu tax-xtur minn dik biss dak iz-zmien qala. Dak iz-zmien kienet tiswa dik il-bicca art 44 elf Lira. Din l-art illum Sur Gouder, hmistax-il plot tiswa miljun u nofs lira Maltin. Dik hija il-korruzzjoni ta' Alfred Sant u qed nixlih jien. Korrott. Komplici, ghax sar bil-barka tieghu.* In risposta ghall-mistoqsija ripetuta: *Int qed tghid li Alfred Sant korrott?* Il-konvenut wiegeb: *sar bil-barka tieghu. ... Issa naraw. Issa jaghmilli libell. ... Jien qed nghid li Alfred Sand halla li ssir korruzzjoni. ... Alfred Sant halla bil-barka tieghu. Min ihalli l-affarijiet isiru bil-barka tieghu, xi jkun mhux korrott! Korrott.* Mistoqsi mill-gdid: *Tirtirax mill-mistoqsija tieghi. Korrott Alfred Sant jew le?* Il-konvenut wiegeb: *Alfred Sant halla li Ministru Lorry Sant jaghmel korruzzjoni li tiswa miljun lira u nofs u jien xlejtu. Dik hija s-sabiha. Issa gibha inti. Qed nixlih jien. Hawnhekk bil-barka tieghu. Bil-barka ta' Alfred Sant lill-Lorry Sant nixlih jien illi bil-hrug ta' permessi fuq sitt elef tomna ghal dak iz-zmien ghamel profitt ta' ghoxrin miljun lira. Xi hadd ghamilli libel! Xi hadd ghamilli libell?! Hadd m'ghamilli libell*[7].

[7] Fol. 15 sa' 17 tal-process.

B'ferenza ghal dan id-diskors l-attur iddikjara li: *nixtieq nghid li b'referenza ghad-diskors li kien sar quddiem il-Kazin tal-Partit Nazzjonalista f'Marsaxlokk nhar is-17 ta' Frar 2008, kienu gibduli l-attenzjoni tieghi certi nies. Nixtieq nghid li f'dan id-dikors jien hassejt ruhi malafamat u ingurjat u dan ghaliex fih hemm referenza ghal kaz ta' korruzzjoni fir-rigward ta' persuna li kienet prominenti dak iz-zmien fil-politika u qal ukoll li dak kollu kien sar bil-barka tieghi. ... Jaghmel referenza wkoll ghall-fatt li jiena kont President tal-Partit meta allegatament sar dan il-korruzzjoni. Nixtieq nghid li l-fatt li inti tkun President tal-Partit m'ghandu x'jaqsma xejn mal-korruzzjoni li seta' sar fil-Partit innifsu però oltre dan nixtieq nghid li dak iz-zmien li allegatament sar dan il-korruzzjoni jiena ma kontx nokkupa l-kariga ta' President tal-Partit Laburista. Nikkonferma li jiena la qatt hadt sehem f'xi atti ta' korruzzjoni u lanqas qatt ma tajt il-barka tieghi lejn kwalunkwe kaz ta' korruzzjoni li allegatament huwa veru. Nixtieq nghid li jiena kont nokkupa l-kariga ta' President tal-Labour Partu mis-sena 1984 sa' 1988. Waqt l-allegat kaz imsemmi mill-Onorevoli Ninu Zammit tqanqal fis-sena 1981. Nixtieq nghid li fit-tieni parti tat-traskrizzjoni hemm partikolarment il-kliem li intqal mill-Onorevoli Ninu Zammit fis-sens li huwa ghajjarni korrott, komplici ghax kollox sar bil-barka tieghi. Dan jiena nichdu. Nghid ukoll li fid-diskors tieghu fuq domanda li saritlu jekk effettivament Alfred Sant kienx korrett jew le, huwa kien wiegeb jiena qed nghid li Alfred Sant halla li ssir il-korruzzjoni. Dan id-diskors kompla jigi ripetut aktar tard. Jiena dan nichdu bl-aktar mod kategoriku*[8].

Il-konvenut da parte tieghu ma jichadx li qal dan id-diskors fil-konfront ta' l-attur u fix-xhieda li ta waqt is-seduta tat-12 ta' Mejju 2011[9], huwa ddikjara: *Qabel l-elezzjoni ta' Marzu 2008 il-Malta Labour Party kienu hargu poster fejn kienu jidhru ritratti ta' diversi Ministri u Deputati bil-kelma tahtom "Korruzzjoni". Jiena kont inkluz fuq dan il-poster u hassejt ruhi offiz. Jiena ghamilt dak kollu li stajt biex lil Dr. Sant nurih li kien hu l-korrott u mhux jiena u dan ghamiltu bi provi. Jiena fil-fatt ghandi video tal-Bondi Plus tal-25 ta' Frar 2008, fejn l-attur ghal darba, darbtejn kien qal dawn il-kliem: 'kif kien qal Dr. Fenech Adami, u f'dan il-kaz ghandu ragun, kull min ma jiggilidx il-korruzzjoni huwa wkoll korrott'. Fl-istess programm Dr. Alfred Sant ukoll ikkwota fil-hin 19:07, dan li gej: 'il-verdett li hareg Dr. Fenech Adami japplika ghalih ukoll u li kull min ma jiggilidx il-korruzzjoni bil-kbir, bl-gheruq u x-xniexel, huwa wkoll korrott'. Ovvjament dan qed nghidu li bejn l-1984 u l-1988 Dr. Alfred Sant kien President tal-Malta Labour Party u fl-istess zmien kien hemm Ministru Laburista li kien Lorry Sant li kien korrott u kulhadd kien jaf li kien korrott. Jiena rrid nghid dan ghax dak iz-zmien u specifikatament fil-21 ta' Novembru 1986 jiena kont hrigt artikolu/supplement fil-gazzetta in-Nazzjon, artikolu ta' erba' pagni li hawn ghandi kopja tieghu u dan is-suppliment kont semmetju "Bizzilla kumbinazzjoni jew korruzzjoni". Hawnhekk jiena kont gibt provi u hadd m'ghamilli libell u dawk ippubblikajthom fil-21 ta' Novembru f'dik il-gimgha ta' l-1986. Hadd m'ghamilli libell fiz-zmien meta Dr. Alfred Sant kien President tal-Malta Labour Party u hadd m'ghamilli libell u f'dan l-artikolu jiena urjet pjanti ta' veru minn kuntratti fejn Lorry Sant biex johroglok il-permessi fuq sittin tomna per ezempju trid taghtih kwart minnhom. Hawnhekk*

[8] Xhieda ta' l-attur moghtija waqt is-seduta tad-19 ta' Jannar 2009, fol. 18 u 19 tal-process.
[9] Fol. 48 u 49 tal-process.

*jiena ghedt ukoll fuq wara ta' dan l-artikolu li bi hrug ta' permessi fuq sitt elef tomna art jista' jfisser qligh ta' ghoxrin miljun Lira ghal xi hadd u dan ix-xi hadd ovvjament kien Lorry Sant. Dak iz-zmien Lorry Sant kien Ministru u Dr. Alfred Sant kien President tal-Malta Labour Party u la Lorry Sant u lanqas Alfred Sant m'ghamluli libell. Jekk nerga' nigi ghall-kliem li qal Dr. Alfred Sant fil-programm Bondi Plus li ladarba Alfred Sant kien jaf li hawn l-korruzzjoni, l-appalt huwa car u hawnhekk hawn dokumenti bl-angles tax-xoghol kif kienu jsiru u bil-kuntratti pubblici u ma hax azzjoni, allura Dr. Alfred Sant kien komplici fil-korruzzjoni kollha. Dan huwa dak li ghedt jiena meta kont Marsaxlokk.*

Meta rega' xehed waqt is-seduta ta' l-20 ta' Ottubru 2011[10], il-konvenut iddikjara ulterjorment illi: *fl-ahhar seduta meta kont qed nixhed jiena kont ser naghti r-ragunijiet fuq liema bbazajt l-kumment tieghi li Dr. Alfred Sant huwa korrott. Jiena dan ir-ragunament u din il-kritika ghaddejtha wara li kien inhareg poster fuq diversi nies indikati bhala korrotti u kont inkluz jiena. Ser nesebixxi dokument minn Liema jirrizulta li bejn l-1984 u l-1988, Dr. Alfred Sant kien President tal-Malta Labour Party, illum Labour Party, dan qed jigi mmarkat bhala dokument GV1[11]. Qed nipprezenta wkoll suppliment li kien hareg mal-harga tan-Nazzjon tal-21 ta' Novembru 1986 fir-rigward ta' artijiet u b'dan qed nuri l-korruzzjoni li kienet issir dak iz-zmien, nerga' nghid meta l-attur kien President tal-Malta Labour Party, fejn art li kienet originarjament green area, malli tinbiegh il-persuna ma tibqax f'dak l-istat u anke addirittura jinhargu t-toroq fuqha wkoll. Apparti minn hekk, jien urejt f'dak l-istess dokument li min ikun akkwista din l-art kien ikollu jaghti minn kwart sa' terz mill-art b'xejn jew verso ftit flus lil nies li kienu qrib il-klikka tal-Ministru ta' dak iz-zmien Lorry Sant. Apparti minn hekk, fuq il-hrug tal-permessi fuq dawn l-artijiet il-persuna inkarigata mill-hrug ta' dawk il-permessi seta' qala jew seraq ghoxrin elf Lira Maltin. Dan id-dokument qed jigi mmarkat bhala dokument GV2[12]. Qed nipprezenta wkoll decizjoni tal-Kummissjoni kontra l-korruzzjoni fir-rigward ta' kaz simili rigwardanti l-hrug tal-permessi fuq art, dan qed jigi mmarkat dokument GV3[13]. Qed nipprezenta wkoll sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Mejju 2004 li tikkoncerna l-istess art li ghadni kif semmejt jigifieri ta' Gnien il-Lewz, fejn fiha l-Qorti kienet iddikjarat li l-prezz li kien jidher li ghadda fuq il-kuntratt u bhala fatt ma kienx ghadda. Din is-sentenza inghatat mill-Imhallef Joseph Azzopardi, id-dokument qed jigi mmarkat dok GV4[14] . Jien dan kollu norbtu ma' l-attur ghar-raguni li fil-kariga tieghu tieghu bhala President tal-Malta Labour Club hu kien jaf li kienet ghaddejja din il-korruzzjoni. Dan dejjem fiz-zminijiet li semmejt qabel. Sa' fejn naf jien l-attur fil-kariga tieghu ta' President tal-Malta Labour Party ta' dak iz-zmien ma kien ghamel ebda kundanna ghal dak li jien qed nghidilhom atti ta' korruzzjoni. Jiena dan kollu norbtu wkoll ma' l-attur minhabba dak li kien qal fi programm Bondi Plus tal-25 ta' Frar 2008, fejn kien qal li kif kien qal Dr. Fenech Adami fil-kaz u f'dan il-kaz ghandu ragun li kull min ma jiggiliedx il-korruzzjoni huwa wkoll korrott, u dan il-Gvern jigifieri l-Gvern Nazzjonalista*

---

[10] Fol. 89 u 90 tal-process.
[11] Fol. 88 tal-process.
[12] Fol. 87 tal-process.
[13] Fol. 58 sa' 86 tal-process.
[14] Fol. 52 sa' 57 tal-process.

*huwa korrott ghal din ir-raguni. Kien qal ukoll illi l-verdett li hareg Dr. Fenech Adami japplika ghalih ukoll, jigifieri ghal Dr. Gonzi li kull min ma jiggilidx il-korruzzjoni bil-kbir u l-gheruq u x-xniexel huwa wkoll korrott. Jien ta' dan il-programm qed nipprezenta dvd. Fid-dawl ta' dak dikjarat mill-attur fil-programm allura jiena nghid li ladarba kien President tal-Malta Labour Party bejn l-1984 u l-1988, fi zmien meta kienet ghaddejja din il-korruzzjoni, kien konxju taghha u ma hax azzjoni, allura huwa korrott. Qed nipprezenta dvd iehor bil-clips in kwistjoni, dawn iz-zewg dvds flimkien qed jigu mmarkati bhala dokument GV5[15]. ... Irrid nghid li jiena, wara li hrigt dan is-suppliment u kont bghattu fid-distrett kollu li fuqu kien johrog il-Ministru Sant; hadd ma kien ghamilli libell.*

Huwa in bazi ghal dawn il-konsiderazzjonijiet li l-konvenut jsejjes l-eccezzjonijiet tieghu illi d-diskors maghmul minnu quddiem il-Kazin tal-Partit Nazzjonalista gewwa Marsaxlokk fis-17 ta' Frar 2008, ma kienx libelluz fil-konfront ta' l-attur u li dak li qal jikkonsisti f'espressjoni ta' opinjoni w apprezzament jew *value judgement* tieghu u huwa *fair comment* fuq materja ta' interess pubbliku fuq fatti sostanzjalment veri u li huwa kien qed jezercita d-dritt u dover tieghu f'demokrazija li jaghmel kritika politika fil-vesti tieghu pubblika bhala deputat tal-poplu u li jesprimi l-fehmiet u l-apprezzament tieghu fuq materja ta' interess pubbliku.

Fil-kuntest tal-vertenza odjerna huma centrali s-segwenti principji, ormai stabbiliti fis-sistema guridika nostrali:

- *Fost il-principji llum stabbiliti jinghad illi l-iktar wiehed mill-importanti huwa l-bilanc li jrid jinzamm bejn 'il-bzonn li s-socjetà demokratika jithalla spazju sufficjenti ghall-libertà li wiehed jikkritika u li jsemmi l-opinjoni u l-gudizzju tieghu mal-bzonn l-iehor, xejn anqas mehtieg, tad-difiza tar-reputazzjoni, l-unur, l-isem tajjeb, li kull persuna f'socjetà demokratika ghandu kull dritt li jgawdi[16]. Illi huwa ghalhekk car li daqs kemm hija mehtiega l-libertà ta' l-espressjoni, hekk ukoll hija essenzjali u huwa wkoll dritt inaljenabbli, li wiehed jipprotegi l-fama tieghu, bil-mezzi legali kollha disponibbli. Illi kulhadd huwa liberu sabiex jaghti l-opinjoni tieghu w anke jaghti gudizzju tieghu, però tali espressjoni ma ghandha qatt twassal sabiex jigu attribwiti atti lil xi persuna, b'mod li jattakkaw ir-reputazzjoni ta' l-istess u l-fama tieghu, meta tali atti lanqas ikunu veri[17].*
- *Il-linja medjana fejn proprio d-dritt ta' espressjoni libera teccedi dak ragonevoli u ghandha tigi punita, ghax issir minflok ksur tad-drittijiet ta' haddiehor, huwa proprio fejn l-espressjoni tigi bbazata fuq fatti skorretti[18]. Illi f'dan il-kuntest id-differenza bejn 'allegazzjoni ta' fatt' u 'comment' hija wahda illum stabbilita fil-gurisprudenza taghna. ... ghandha ssir distinzjoni bejn 'allegation of fact' u dak li huwa 'comment'. Biex tirnexxi d-difiza tal-verità tal-konvicju, il-fatt ghandu*

[15] Fol. 51 tal-process.
[16] Vincent Borg v. Victor Camilleri et, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-15 ta' Novembru 1994. Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta Vol. LXXVIII - ii -372.
[17] Reginald Cini v. Ray Bugeja, Citaz. Nru. 294/97 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Dicembru 2001; Av. Dr. Andrew Borg Cardona v. Dr. Joseph S. Abela et, Citaz. Nru. 1311/98 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta' Jannar 2002;
[18] Onor. Charles Buhagiar v. Ray Bugeja, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-19 ta' Jannar 1996.

*jigi ppruvat. Il-comment biex ikun gustifikat irid ikun 'fair and bona fide', u ma jistax ikun 'fair u bona fide' jekk il-fatt attribwit lill-kwerelant ma jkunx veru[19]. Illi ghalhekk ma tistax tirnexxi l-eccezzjoni tal-fair comment, jekk ma jigux ippruvati sodisfacentement, il-fatti addebitati lill-kwerelant, u ma tistax tirnexxi id-difiza tal-'justification' u jekk il-fatti ma jkunux veri, lanqas jista' jkun hemm 'fair comment'[20]. Illi sabiex isir dan l-ezami wiehed irid jiehu l-kliem fis-sens noramli w ordinarju taghhom, u dan ifisser 'in the meaning which reasonable or ordinary men of ordinary intelligence, with the ordinary man's general knowledge and experience of world affairs, would be likely to understand them' dan jista' jinkludi 'any implication or inference which a reasonable reader guided not by any special but only general knowledge and not fettered by an strict legal rules of construction would draw from the word[21];*

- *Il-principju ta' l-espressjoni hielsa huwa mirfud bil-kwistjoni ta' l-interess pubbliku li normalment jimmotiva l-kritika misthoqqa li ghandha ssir dwar persuna involuta fil-hajja pubblika wkoll jekk il-kritika tolqot il-hajja privata tal-personagg pubbliku. Illi ghal dak li jirrigwarda l-ghamla tal-kritika li ssir, jinghad li wahda mill-forom li tintuza hija l-kumment. Bhalma timplika l-kelma innifisha, kumment m'huwiex semplici stqarrija ta' fatt, imma tifsira ta' jew fehma dwar fatt li sehh, ukoll jekk tkun tifsira pregudikata jew partiggana. Fil-qasam politiku, imbaghad, il-kumment jista' jkun mahsub biex johloq xkiel jew jaghmel hsara politika lil xi persuna involuta jew biex sahansitra jqanqal disgwid jew tahwid fil-kamp politiku oppost. Illi huwa accettat li jekk il-kumment ikun 'gust', ma taqax taht il-pieni tal-malafama jew tal-libell[22];*
- *Il-kwistjoni ta' kummenti li jitqiesu 'gusti' hija wahda li taghti lok ghal problemi kbar minhabba li mhix wahda cara. Biex il-kumment ikun wiehed 'gust', jehtieg li jkun msejjes fuq hwejjeg li sostanzjalment sehhew u li jkunu l-fatti shah. Jekk jirrizulta li l-fatt allegat ma kienx attwalment jezisti ma tkunx tista' triegi aktar id-difiza tal-kumment gust. Il-fatt irid jigi pruvat kif imiss minn min jallega l-kumment gust dwaru, daqskemm tant iehor irid jipprova li s-suggett li dwaru inkiteb tali kumment kien wiehed ta' interess pubbliku u li l-kumment kien tassew wiehed gust. Kif jintwera li l-fatti msemmija jkunu sostanzjalment minnhom, ikun jifdal li jigi mistharreg jekk il-fehma espressa dwarhom jew l-apprezzament jew kritika misluta minnhom kinitx fil-limiti tal-jedd ta' l-espressjoni hielsa kif imfissra aktar qabel[23];*
- *In cases of comment on a matter of public interest, the limits of comment are very wide indeed. This is especially so in the case of public men. ... Unless there is some clear evidence of malice or some mis-statement of fact, no action should be commenced, however severe the terms of the criticism may be. ... It is one thing to comment upon or criticise, even with severity, the acknowledged or proved acts of a public man, and quite another to assert that he has been guilty of particular acts of misconduct. ... Illi ghalhekk f'kazijiet li jkunu ggeneraw*

---

[19] Reginald Miller v. Harold Scory, Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta Vol. XXXVI.iv.843.
[20] Dr. Joseph M. Ciappara vs Joseph Zammit" Citaz. Nru. 929/90 deciza fit-3 ta' Ottubru 1991.
[21] Jones v. Skelton. Reginald Cini v. Ray Bugeja, Citaz. Nru. 294/97 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Dicembru 2001.
[22] Onor. John Dalli v. Gino Cauchi, Citaz. Nru. 2448/00 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Ottubru 2002.
[23] *Ibid.*

*interess kbir fil-pubbliku u fejn ikunu involuti persuni pubblici l-limiti tal-kummenti huma wiesghin però hemm dejjem limiti. Tali limiti huma dettati fuq kollox minn dak li hu ragjonevoli, minn dak li hu dicenti u minn dak li jista' jkun accettat fis-socjetà in partikolari. Hemm ukoll id-dritt li kull persuna, pubblika o meno, li tigi tutelata kemm fil-persuna taghha kif ukoll fil-fama taghha. Implikazzjonijiet, minghajr fondament maghmula ghal kwalunkwe raguni, anke possibilment ghal raguni politika … ma jistghu qatt jigu accettati la fil-kuntest ta' fatti li qajjmu interess pubbliku u lanqas fejn hemm involuti nies pubblici*[24]*;*

- *Il-Ligi taghna mhix injara tal-kuncett ta' interess pubbliku u l-fatt li persuni f'karigi pubblici w importanti necessarjament huma esposti ghal kritika. Infatti tammetti l-prova tal-verità tal-fatti f'diversi kazijiet ta' personalitajiet pubblici. Però altru timputa fatt li temmen li hu veru u fil-fatt hu veru, u altru bl-aktar mod irresponsabbli dak li jigik f'mohhok tiktbu u tippublikah minghajr ma jkun hemm imqar bazi ta' fondatezza f'dak li jigi asserit. Il-politika ta' 'publish and be damned' qatt ma sabet sostenn fil-Qrati taghna*[25]*;*
- *Fis-socjetà moderna, a differenza ta' forsi ghoxrin, teltin jew sittin sena ilu, certu kummenti jitqiesu li ma humiex ingurjuzi. Meta, però, flok kumment (jew opinjoni) ikollok allegazzjoni jew insinwazzjoni ta' fatti fihom infushom ingurjuzi u li ma jirrizultawx sostanzjalment pruvati, anke fis-socjetà moderna u demokratika jibqa' validu l-kumment ta' l-Imhallef Kennedy fil-kawza Peter Walker Ltd. v. Hodgson: 'where the words which are alleged to be defamatory allege, or assume as true, facts concerning the plaintiff which the plaintiff denies, and which either involve a slanderous imputation in themselves, or upon which the comment bases imputations or inferences injurious to the plaintiff, it is settled law that the defence of fair comment fails unless the comment is truthful in regard to its allegation or assumption of such facts*[26]*.*

Ikkunsidrati l-fatti tal-kaz in ezami fid-dawl tal-principji guridici hawn appena citati, il-Qorti hi tal-fehma li d-diskors li l-konvenut ghamel quddiem il-Kazin tal-Partit Nazzjonlista f'Marsaxlokk, fis-17 ta' Frar 2008, fejn essenzjalment iddikjara li l-attur huwa korrott, kien fil-fatt libelluz u malafamanti fil-konfront ta' l-istess attur.

Huwa importanti li jigi kkunsidrat ir-retroxena li fih sar tali diskors mill-konvenut, u cioè li b'dan id-diskors huwa kien qed jirreagixxi ghal xilja ta' korruzzjoni maghmula fil-konfront tieghu f'*poster* li kien inhareg f'dawk il-jiem mill-Partit Laburista. Il-konvenut irreagixxa ghal tali xilja fil-konfront tieghu billi semma diversi sitwazzjonijiet u cirkostanzi li kienu jirrigwardaw lil Lorry Sant, persuna li kienet prominenti fix-xena politika lokali, non che Ministru taht Gvern Laburista fiz-zmien tat-tmeninijiet, u abbina lill-attur ma' dawk is-sitwazzjonijiet u cirkostanzi biex jissosstanzja x-xilja tieghu fil-konfront ta' l-istess attur li huwa korrott.

---

[24] George Papagiorcopulo v. Jimmy Magro et noe, Citaz. Nru. 1699/94, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Mejju 2003.
[25] Dr. Joseph Troisi v. Reverendu Father Emanuel sive Noel Grima, Appell Civili Nru. 122/99, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-10 ta' Ottubru 2003.
[26] *Ibid.*

Ghalkemm il-konvenut ressaq provi rigwardanti l-agir u operat ta' Lorry Sant u ghalkemm dawn il-provi juru li l-agir u operat ta' l-istess Lorry Sant gie kkritikat u ikkundannat, u ghalkemm ma hemmx dubju li dawn il-fatti kienu u ghadhom ta' interess pubbliku, b'daqshekk ma jfissirx li dak minnu affermat fil-konfront ta' l-attur - u cioè li l-attur huwa korrott - jista' jitqies bhala kumment gust u ezercizzju opportun tad-dritt tal-libertà ta' l-espressjoni.

Di fatti ghall-fini li l-konvenut jabbina lill-attur ma' l-agir u operat ta' Lorry Sant, li kif inghad dan l-agir gie ssindakat u kkundannat, l-istess konvenut allega li l-attur bhala President tal-Partit Laburista fiz-zminijiet rilevanti qatt ma ghamel xejn biex iwaqqaf lil Lorry Sant anzi ta l-barka tieghu ghal tali agir biex b'hekk gie li rrenda ruhu komplici tieghu non che, skond l-istess konvenut, korrott bhalu. Hija proprio din l-allegazzjoni partikolari fil-konfront ta' l-attur li tikkostitwixxi l-qofol tal-kwistjoni ghaliex hija b'din l-allegazzjoni li l-konvenut jorbot lill-attur ma' l-agir u operat ta' Lorry Sant.

Minkejja dak kollu affermat u pretiz mill-konvenut, huwa ma irnexxilux jipprova b'mod sodisfacenti din l-allegazzjoni centrali ghax-xilja tieghu fil-konfront ta' l-attur u cioè ma rnexxilux jipprova li fiz-zmien meta Lorry Sant wettaq l-atti kontestati u kkundannati, l-attur kien President tal-Partit Laburista.

Mill-provi prodotti mill-konvenut jirrizulta li ghalkemm il-fatti fir-rigward ta' l-agir u operat ta' Lorry Sant bdew hergin fil-berah fi zmien meta l-attur kien President tal-Partit Laburista, **il-fatti *per se* sehhew fil-maggor parti taghhom qabel l-1984,** u cioè fi zmien meta l-attur **ma kienx** President tal-Partit Laburista. Jirrizulta ghalhekk li l-kummenti li l-konvenut ghamel fir-rigward ta' l-attur - u dana b'mod partikolari fejn il-konvenut abbina lill-attur ma' l-operat u agir ta' Lorry Sant u qal li dawn saru bil-barka tieghu - huma bbazati fuq fatt materjali li rrizulta li ma huwiex minnu.

Dato ma non concesso li l-attur kellu kariga gholja fi hdan il-Partit Laburista fi kwalunkwe zmien bejn l-1981 u l-1990, il-konvenut, ingustament fil-fehma tal-Qorti, jaddebita lill-attur abdikazzjoni totali tad-doveri tieghu fil-kuntest ta' tali kariga, ghaliex skontu qatt ma ghamel xejn biex Lorry Sant gie mwaqqaf u jitnehha mill-kariga li kellu, ossia biex jitnehha minn Ministru u per konsegwenza jitkecca mill-Partit Laburista. Tali affermazzjoni tal-konvenut fil-konfront ta' l-attur hija ingusta w injurjuza ghar-raguni li Ministru, bhala parti mill-Kabinett, huwa responsabbli lejn il-Parlament[27] u l-hatra tieghu *qua* Ministru titnehha mill-President ta' Malta fuq parir tal-Prim' Ministru[28]. L-attur kjarament fiz-zmienijiet in kwistjoni ma kien ikopri l-ebda wahda mill-karigi hawn imsemmija u ghalhekk ma jistax jigi akkuzat li huwa abdika mid-doveri tieghu ghaliex skond il-konvenut ma waqqafx lil Lorry Sant u nehhieh minn Ministru.

---

[27] Artikolu 79 tal-Kostituzzjoni.
[28] Artikolu 81(3)(b) tal-Kostituzzjoni.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma li fil-kaz in ezami ma jissussistix il-kumment jew opinjoni imma d-diskors tal-konvenut in kwantu dirett lejn l-attur u b'mod partikolari fejn jixli lill-attur li huwa korrott huwa bbazat biss fuq allegazzjonijiet u insinwazzjonijiet ta' fatti fihom infushom ingurjuzi u li ma jirrizultawx sostanzjalment pruvati. Kif inghad iktar 'l fuq *it is one thing to comment upon or criticise, even with severity, the acknowledged or proved acts of a public man, and quite another to assert that he has been guilty of particular acts of misconduct* u *implikazzjonijiet, minghajr fondament maghmula ghal kwalunkwe raguni, anke possibilment ghal raguni politika ... ma jistghu qatt jigu accettati la fil-kuntest ta' fatti li qajjmu interess pubbliku u lanqas fejn hemm involuti nies pubblici.*

In sostenn tax-xilja tieghu fil-konfront ta' l-attur, il-konvenut jishaq fuq artikolu li huwa kien kiteb intitolat "Bizzilla, Kumbinazzjoni jew Korruzzjoni?" li gie ippubblikat bhala Suppliment Specjali mal-harga ta' In-Nazzjoni Taghna tal-21 ta' Novembru 1986, ossia fiz-zmien meta l-attur kien ikopri l-kariga ta' President tal-Partit Laburista, fejn kien irrefera ghall-agir u operat ta' Lorry Sant u fir-rigward ta' liema ma kienux gew istitwiti proceduri ta' libell fil-konfront tieghu, lanqas mill-attur Dr. Alfred Sant. Din il-pretensjoni tal-konvenut però ma tistax tregi ghar-raguni li dan l-artikolu kien kollu kemm hu jirreferi ghal Lorry Sant u l-attur odjern ma jissemma' imkien, la b'mod dirett u lanqas b'mod indirett, u ghaldaqstant fiz-zmien meta gie ppubblikat dak l-istess artikolu l-attur odjern ma kellu l-ebda interess guridiku f'eventwali proceduri ghall-libell fil-konfront tal-konvenut minhabba dak minnu affermat u miktub f'dak l-artikolu.

Stabbilit illi d-dikors li l-konvenut ghamel quddiem il-Kazin tal-Partit Nazzjonlista f'Marsaxlokk, fis-17 ta' Frar 2008, fejn essenzjalment iddikjara li l-attur huwa korrott, kien fil-fatt libelluz u malafamanti fil-konfront ta' l-istess attur, jehtieg issa tigi trattata l-kwistjoni dwar id-danni pretizi mill-attur.

Mill-Artikolu 28 tal-Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta, liem artikolu tal-Ligi jipprovdi li *fil-kaz ta' malafama b'xi mezz imsemmi fl-artikolu 3 ta' dan l-Att, li l-ghan taghha jkun li ttellef jew tnaqqas ir-reputazzjoni ta' xi persuna, il-qorti civili kompetenti tista' minbarra d-danni li jistghu jintalbu taht xi ligi li tkun fis-sehh f'dak iz-zmien dwar telf jew hsara attwali, taghti lill-persuna offiza somma ta' mhux izjed minn hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin Euro u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87),* johrog car li l-likwidazzjoni tad-danni li ghandhom jigu akkordati hija mhollija fid-diskrezzjoni tal-Qorti li ghandha ghal dan il-fini tiehu in konsiderazzjoni l-gravità tal-kaz li jkun quddiemha.

Peress illi fil-fehma tal-Qorti d-dikors li l-konvenut ghamel quddiem il-Kazin tal-Partit Nazzjonlista f'Marsaxlokk, fis-17 ta' Frar 2008, fejn essenzjalment iddikjara li l-attur huwa korrott, ma kienx value judgement jew opinjoni jew ezercizzju tad-dritt tieghu ghall-libertà ta' l-espressjoni da parte tal-konvenut izda kien libelluz u malafamanti fil-konfront ta' l-attur, stante li kellu l-iskop li jtellef jew jnaqqas ir-reputazzjoni ta' l-istess attur, il-kumpens dovut lill-attur in linea ta' danni minhabba l-malafama minnu subita ghandu jkun fis-somma ta' elfejn Euro (€2,000).

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, tilqa' t-talba attrici u filwaqt li tiddikjara li d-dikors li l-konvenut ghamel quddiem il-Kazin tal-Partit Nazzjonlista f'Marsaxlokk, fis-17 ta' Frar 2008, fejn essenzjalment iddikjara li l-attur huwa korrott, kien fil-fatt libelluz u malafamanti fil-konfront ta' l-istess attur, stante li kellu l-iskop li jtellef jew jnaqqas r-reputazzjoni ta' l-attur, tillikwida l-kumpens dovut lill-attur in linea ta' danni a tenur ta' l-Artikolu 28 tal-Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta fis-somma ta' €2,000 u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-imsemmija somma ta' €2,000, bl-imghax legali dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**